**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Azzopardi)**

**-vs-**

**Alejandro Gusman detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 005313037707521**

*Każ Nru. 8567/2024*

Illum, 2 ta' Diċembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Alejandro Gusman** u ċioè talli:

> **Nhar 24 ta' Ottubru, 2024 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 4:30AM u 5:30AM ġewwa Sliema b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:**
>
> 1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta ghal aktar minn 250€ u inqas minn 2,500€ għad-dannu ta' Theuma Sheldon ID Card: 21300L u/jew Denzel Simonini ID Card: 0173504L u/jew Joseph Galea ID Card: 0527888M u/jew Stefan Axisa ID Card: 0402294M u/jew William Cuschieri ID Card: 0198449M u/jew David Wallbank ID Card: 0353552M u/jew Giuseppe Barone ID Card: 0440494M u/jew Soċjetà United Garage LTD – Simon Gatt Baldacchino ID Card: 399771M u/jew Christine Psaila ID Card: 0151263M u/jew persuni u/jew kumpanji oħra;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali;

3. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħek innifsu;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Alejandro Gusman a benefiċċju ta' Theuma Sheldon ID Card: 21300L u/jew Denzel Simonini ID Card: 0173504L u/jew JosephGalea ID Card: 0527888M u/jew Stefan Axisa ID Card: 0402294M u/jew William Cuschieri ID Card: 0198449M u/jew David Wallbank ID Card: 0353552M u/jew Giuseppe Barone ID Card: 0440494M u/jew United Garage LTD – Simon Gatt Baldacchino ID Card: 399771M u/jew Christine Psaila ID Card: 0151263M u/jew persuni u/jew kumpanji oħra u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija Alejandro Gusman sabiex tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532B u /jew tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tħoss li għandha timponi sentenza sospiża.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar il-25 ta' Ottubru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ u senjatament fejn wera dispjaċir u talab maħfra għall-għemilu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 325(b) 338(dd) u 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal zmien tletin (30) xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**